Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 9 ta' Jannar 2026**
**(OR. en)**

**5082/26**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2025/0289 (COD)**

**CODEC 12**
**COH 3**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Abbozz ta’ REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1755 fir-rigward tal-ammonti allokati lil Stati Membri skont ir-Riżerva ta’ Aġġustament għall-Brexit **(l-ewwel qari)**<br>- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv |

1. Fl-24 ta' Settembru 2025 il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta[1] tagħha, ibbażata fuq l-Artikolu 175 TFUE.

2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-23 ta' Ottubru 2025[2].

3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat u ddeċieda li ma jagħtix opinjoni[3].

4. Fis-16 ta' Diċembru 2025, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni[4]. L-eżitu tal-vot fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet dwar l-adozzjoni tal-proposta tal-Kummissjoni, u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill.

---

1 13257/25.
2 14774/25.
3 16089/25.
4 16705/25.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 53/25, bħala punt "A" ta' laqgħa li jmiss, bl-astensjoni tal-Bulgarija.

6. Id-dikjarazzjoni għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tinsab fl-Addendum ta' din in-nota.

7. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat.

   Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.